**Mistoqsijiet frekwenti: Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki fir-Renju Unit**

Din it-taqsima tal-mistoqsijiet frekwenti hija relatata biss mar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali taċ-ċittadini tal-UE[1]. Ir-regoli deskritti f'din it-taqsima tal-mistoqsijiet frekwenti japplikaw għall-kwalifiki professjonali kollha skont id-Direttiva 2005/36/KE. Din tinkludi l-lawrji, l-attestazzjonijiet tal-kompetenza (skont it-tifsira tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/36/KE) u l-esperjenza professjonali.

Din it-taqsima tal-mistoqsijiet frekwenti hija għal skopijiet ta' informazzjoni biss. Il-Kummissjoni Ewropea u l-persunal tagħha ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-kontenut tagħha. Għal aktar informazzjoni dwar id-Direttiva 2005/36/KE, tista taqra l-gwida għall-utenti.

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar il-permessi tar-residenza, ir-rekwiżiti tad-dħul jew tal-ħruġ, eċċ, tista' żżur il-paġna dwar id-drittijiet taċ-ċittadini relatati mal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

- **Jien ċittadin tal-UE u ksibt il-kwalifika tiegħi fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Jannar 2021. Il-kwalifika tiegħi miksuba fir-Renju Unit ġiet rikonoxxuta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE qabel l-1 ta' Jannar 2021. Dan ir-rikonoxximent għadu validu?**

  *Iva, id-deċiżjoni tar-rikonoxximent tibqa' valida.*

  - **Jien ċittadin tal-UE u ksibt il-kwalifika tiegħi fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Jannar 2021. Il-kwalifika tiegħi miksuba fir-Renju Unit ġiet rikonoxxuta minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE wara l-31 ta' Diċembru 2020. Dan ir-rikonoxximent għadu validu?**

    *Iva, id-deċiżjoni tar-rikonoxximent hija valida.*

  - **• Beħsiebi nerġa' nistabbilixxi ruħi fi Stat Membru ieħor tal-UE, wara li ksibt ir-rikonoxximent tal-kwalifika tiegħi miksuba fir-Renju Unit f'xi wieħed mix-xenarji miż-żewġ mistoqsijiet ta' hawn fuq. Liema regoli japplikaw għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħi?**

    *Ikollok bżonn tapplika għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħek fl-Istat Membru ospitanti l-ġdid. Peress li ksibt il-kwalifika tiegħek qabel l-1 ta' Jannar 2021, id-Direttiva 2005/36/KE tapplika għar-rikonoxximent. Il-kwalifika nħarġet mir-Renju Unit bħala Stat Membru (sal-31 ta' Jannar 2020) jew matul il-perjodu tat-tranżizzjoni stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (sal-31 ta' Diċembru 2020). Dan ifisser li għaċ-ċittadini tal-UE, il-kwalifiki miksuba fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Jannar 2021 huma kwalifiki tal-UE. Għalhekk japplikaw l-istess regoli bħal dawk għar-rikonoxximent ta' kwalifiki oħra tal-UE, mingħajr limitu taż-żmien.*

  - **Jien ċittadin tal-UE u ksibt il-kwalifika tiegħi fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Jannar 2021 iżda s'issa ma ksibtx ir-rikonoxximent tagħha minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-UE. Liema regoli japplikaw għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħi?**

---

[1] Wara tmiem il-perjodu tat-tranżizzjoni, iċ-ċittadini tar-Renju Unit huma ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-UE. Dan ifisser li ma jistgħux jibqgħu jiddependu fuq ir-reġim tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tal-UE. **Għal aktar informazzjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki taċ-ċittadini tar-Renju Unit miksuba fir-Renju Unit, ara l-memo tal-Kummissjoni Ewropea dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tar-Renju Unit skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.**

*Jekk il-kwalifiki nkisbu qabel l-1 ta' Jannar 2021, tapplika d-Direttiva 2005/36/KE. Dawn il-kwalifiki nħarġu mir-Renju Unit bħala Stat Membru (sal-31 ta' Jannar 2020) jew matul il-perjodu tat-tranżizzjoni stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ (sal-31 ta' Diċembru 2020). Dan ifisser li għaċ-ċittadini tal-UE, il-kwalifiki miksuba fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Jannar 2021 huma kwalifiki tal-UE. Għalhekk japplikaw l-istess regoli bħal dawk tar-rikonoxximent ta' kwalifiki oħra tal-UE, mingħajr limitu taż-żmien.*

- **Jien ċittadin tal-UE u ksibt il-kwalifika tiegħi fir-Renju Unit wara l-31 ta' Diċembru 2020. Liema regoli japplikaw għar-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħi?**
  *Il-kwalifiki professjonali miksuba wara t-tmiem tal-perjodu tat-tranżizzjoni stabbilit fil-Ftehim dwar il-Ħruġ huma kwalifiki ta' pajjiż terz skont id-Direttiva 2005/36/KE. Għalhekk trid tikseb ir-rikonoxximent inizjali ta' Stat Membru skont ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali.*

  *Jekk trid li l-kwalifiki tiegħek jiġu rikonoxxuti skont il-liġi tal-UE fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru li rrikonoxxa għall-ewwel darba l-kwalifiki tiegħek miksuba f'pajjiż terz, ir-rikonoxximent inizjali jeħtieġ li jkun segwit minn 3 snin ta' esperjenza professjonali fl-Istat Membru tal-UE li rrikonoxxa l-kwalifika tiegħek għall-ewwel darba. Inkella, trid tapplika għar-rikonoxximent skont ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali tal-Istat Membru tal-UE li tixtieqU jirrikonoxxi l-kwalifika tiegħek.*

- **Jien ċittadin tal-UE u tabib. Nixtieq nibbenefika mis-sistema tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali prevista fid-Direttiva 2005/36/KE għar-rikonoxximent tal-lawrja tiegħi. Dan għadu possibbli jekk jien ksibt il-kwalifiki tiegħi fir-Renju Unit?**
  *Jekk ksibt il-kwalifiki tiegħek qabel l-1 ta' Jannar 2021, id-Direttiva 2005/36/KE tibqa' applikabbli għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tiegħek. Dan jinkludi l-kwalifiki koperti mis-sistema tar-rikonoxximent awtomatiku tad-Direttiva, li hija fis-seħħ għal seba' professjonijiet ewlenin (tobba, infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, qwiebel, spiżjara, dentisti, kirurgi veterinarji u periti). Jekk il-kwalifika tiegħek miksuba fir-Renju Unit hija elenkata fl-Anness V tad-Direttiva, din hija koperta mir-rikonoxximent awtomatiku.*

- **Bħala ċittadin tal-UE bi kwalifika mir-Renju Unit, xorta nista' nipprovdi s-servizzi tiegħi b'mod temporanju u okkażjonali fit-territorju tal-UE, jekk din l-attività professjonali tkun regolata fl-Istat Membru ospitanti?**
  *Iva, jekk diġà tgħix fi Stat Membru ieħor tal-UE li rrikonoxxa l-kwalifiki tiegħek, int tista' tipprovdi s-servizzi tiegħek b'mod temporanju u okkażjonali fi Stat Membru ieħor, f'konformità mad-Direttiva 2005/36/KE. Il-kundizzjonijiet għal dan ir-rikonoxximent inizjali fl-Istat Membru ospitanti skont id-Direttiva 2005/36/KE huma deskritti fit-tweġibiet ta' hawn fuq.*

  *Jekk int stabbilit barra mill-UE, ġeneralment ma tkunx tista' tistrieħ fuq din il-proċedura simplifikata biex tipprovdi s-servizzi tiegħek temporanjament fi Stat Membru tal-UE, għajr għaċ-ċittadini stabbiliti fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja u fl-Iżvizzera (li*

*għalihom japplikaw ċerti regoli speċifiċi).*

- **Jien ċittadin tal-UE bi kwalifiki mir-Renju Unit li ġew rikonoxxuti meta applikajt għall-Karta Professjonali Ewropea. Il-Karta Professjonali Ewropea tiegħi baqgħet valida wara l-31 ta' Diċembru 2020?**
  *Iva, id-deċiżjoni tar-rikonoxximent u l-Karta Professjonali Ewropea baqgħu validi għall-bqija tal-perjodu tal-validità tal-karta. Jekk int ċittadin tal-UE, ir-regoli u l-kundizzjonijiet rigward il-Karta Professjonali Ewropea għadhom japplikaw wara l-Brexit, sakemm int protett mill-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit.*

- **Jien ċittadin tal-UE li ksibt kwalifika fir-Renju Unit qabel l-1 ta' Jannar 2021. Xorta nista' nikseb ir-rikonoxximent tal-kwalifika tiegħi permezz tal-Karta Professjonali Ewropea?**
  *Iva. Il-linji gwida deskritti fit-tweġibiet preċedenti japplikaw bl-istess mod għar-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba fir-Renju Unit għall-fini biex tinkiseb il-Karta Professjonali Ewropea.*